Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2006

Numru 595/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jesmond Borg)**

**v**

**Kevin Mifsud ta' 23 sena bin Alfred u Catherine nee Caruana, imwieled il-Pieta', fl-10 ta' Dicembru, 1982 li joqghod fil-fond Numru 25, Triq Sant'Ursula, L-Isla detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8883(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi  Kevin Mifsud li gie akkuzat talli:

(a) nhar it-13 ta' Gunju, 2006 ghall-habta ta' l-10.45 ta' filghodu, gewwa Albert Town, il-Marsa, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta' serq minn vettura ta' l-ghamla Peugeot, mudell 205, ta' lewn hamrani u bin-numru ta' registrazzjoni FAF-851, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq tat-Tromba, Albert Town, il-Marsa wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u lie kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta ta' haga msiruqa, ghad-dannu ta' Joseph Debattista minn Birkirkara.
(b) U aktar talli, fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot, mudell 205, ta' lewn hamrani u bin-numru tar-registrazzjoni FAF-851, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Tat-Tromba, Albert Town, il-Marsa liema hsara teccedi l-Lm 10 izda mhux izjed minn Lm 50, ghad-dannu ta' Joseph Debattista minn Birkirkara u dana bi ksur ta' l-artiklu 325 (c) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(a) akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fl-inhawi ta' Albert Town, il-Marsa, saq il-vettura ta' l-ghamla Citroen, mudell AX, ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni FAZ-417, b'manjiera perikoluza, bla kont u traskurata dana bi ksur ta' l-artiklu 15(1)(a) tal-kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tornd li l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Kevin Mifsud u dnaa skond kif mitlub fl-artikolu 15(2) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Issibu hati fuq ammissjoni ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi u dan wara li rat l-artikolu 41, 261, 263, 271, 278 tal-Kapitlu 9. Tqis pero' (din mhux ammessa) illi Kevin Mifsud mhux hati tat-tielet akkuza ghax ma gietx pruvata.

Illi dwar il-piena semghet lill-Ufficjal tal-Probation u rat il-pre sentencing report redatt mill-istess Ufficjal Marietta Lanzon. Illi semghet anke t-trattazzjonijiet u tenut kont ta' dak li qalet l-istess Ufficjal tal-probation qeghda tqieghed lil Kevin Mifsud taht ordni ta' probation ghal tliet snin mil-llum ai termini ta' l-artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta taht is-segwenti kundizzjonijiet:

B'dan illi din l-ordni ta' Probation qed tinghata mhux ghax din il-Qorti tqis li r-reati kommessi minn Kevin Mifsud huma ta' xi natura negligenti, biss pero' minhabba l-ammissjoni bikrija u ghaliex hemm cans li l-istess johrog mill-problema ta' addizzjoni ghal sustanzi illegali (droga).

Il-kundizzjoni ta' l-ordni ta' Probation huwa s-segwenti:

- Din l-ordni se tkun ghal perjodu ta' tliet snin mil-llum. Matul dan il-perjodu huwa se jkun segweit mill-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon.
- Illi Kevin Mifsud ghandu jibda u jispicca b'success programm residenzjali fi dan San Blas kif appena jigi ndikat lilu li hemm post ghalih fl-agenzija ghal dan l-iskop. Jekk din il-vacancy ma tavverax sa l-1 ta' Settembru, l-Qorti tordna li jigi ndikat lilha danil-fatt b'nota.
- Illi fil-mori u pendenza ta' dana l-intake gewwa San Blas, Kevin Mifsud ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija minn Marietta Lanzon u l-Ufficjal ta' l-istess agenzija. Ghandu ghalhekk izomm kuntatt strett ma' l-

agenzija u jaghti dawk ir-random urine samples minnu mitluba.

- Huwa ghandu jobdi kull direttiva lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation u Ufficjali u mpjegati ta’ l-Agenzija tul il-programm ta’ rabilitazzjoni.
- Illi meta Kevin Mifsud jasal ghal fazi semi residenzjali tal-programm l-Ufficjal tal-Probation ghandha tavza b’dan lill-Qorti.
- Oltre dan il-Qorti tordna li hija tigi avzata bil-miktub kull sitt gimghat fil-fazi residenzjali dwar l-andament ta’l-istess Kevin Mifsud fi hdan il-programm.

Il-Qorti fehmet lil Kevin Mifsud l-obbligazzjonijiet teighu taht ordni ta’ probation u l-konsegwenza ta’ksur ta’ l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------